MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1019/2005

**Salvatore Fenech**
**vs**
**David Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha u tmenin lira Maltija u tleita u disghin centezmu (Lm289.93), rapprezentanti arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma mhux imhallsa, valur ta' cilindru tal-gass li instab nieqes u spejjez inkorsi mill-attur ghar-riparazzjonijiet u tindif fil-fond « Charles », f'numru 38, Triq l-Gherien, Mellieha, gja mikri mill-istess attur lill-konvenut, wara li l-istess konvenut ivvaka l-fond.**
**Nonsotante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluzi zewg ittri bonarji datati 22 ta' Frar, 2005 u 7**

**t'April, 2005, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx dak minnu dovut lill-attur.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri bonarji fuq imsemmija, u bl-imghax dekoribbli mid-data tal-prezenti sad-data ta' l-effetiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 ta' Gunju, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenut mhux tenut ihallas l-ebda somma flus lill-attur kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.**

**Ra l-affidavit tal-attur. Semgha x-xhieda ta' Michael Mifsud, Francesca Damato, Lawrence Zammit, pierre Bartolo, Joseph Caruana. Ha konjizzjoni tad-dolumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazzjoni.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz qed isir ghall-hlas ta': kontijiet tad-dawl u ilma (Lm142.93) Dok.A, cilindru tal-gass (Lm8), u spejjez ta' riparazzjoni (Lm37) Dok.B, u tnehhija ta' affarijiet (Lm20) Dok.C, tibjid (Lm180) Dok.D, u tindif (Lm12) Dok.E.**
**2. L-attur jispejga li hu proprjetaru tal-fond « Charles », 38, Triq l-Gherien, Mellieha, u fit-3 t'April, 2002, kera l-post lill-konvenut. Il-lokazzjoni giet terminata fit-22 ta' Jannar, 2005. L-attur esebixxa r-ricevuti relattivi ghall dak li qed jitlob.**
**3. Joseph Caruana rapprezentant tal-Water Sewrvices Corporation ikkonferma li l-ammont ta' mija tnejn u erbgha lira u tlita u disghain centezmu illum huwa mhallas, pero ma jafx min hallsu, pero` ikkonferma li mill-24 ta' Frar, 2003 sal-1 t'April, 2005, David Pace, flimkien ma' Susan Pace u Sean Pace, kienu qed jiehu s-sussidju.**
**4. Lawrence Zammit, spjega li kien ghamel xoghol ta' aluminium u serratura ta' bieb. Ikkonferma li thallas sebgha u tletin lira (Dok.B).**

**5. Pierre Bartolo spjega li kien henna pallets minn fuq il-bejt tal-fond imsemmi, u kkonferma r-ricevuta Dok.C.**
**6. Michael Mifsud ikkonferma d-Dok.D dwar spejjez ta' tibjid. Hu ikkonferma x-xoghol li ghamel.**
**7. Francesca Damato ikkofermat d-Dok.E, u spjegat li kienet naddfet il-flat imsemmi.**

**8. Ghalhekk apparti it-tmien liri ghac-cilindru tal-gass, l-ispejjez inkorsi mill-attur jinsabu pruvati, u ghall dawn irid jaghmel tajjeb il-konvenut. Il-fatt li x-xoghol sar wara t-terminazzjoni tal-lokazzjoni ma jfissirx li dak ix-xoghol ma giex necessitat minhabba l-uzu tal-fond li ghamel l-inkwilin tul il-perijodu ta' lokazzjoni.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u wiehed u tmenin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm281.93), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-effettiv pagament.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 22 ta' Frar, 2005 u 7 t'April, 2005, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------